# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 19 ta' Novembru 2001**

**Avviz. numru 149/01**

**Numru 13**

**Vincent Cuschieri Limited**

**vs**

**Mister Subs Limited**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' disa mija u tmien liri Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm908.78) prezz ta' merci lis-socjeta konvenuta mibjugha u kkonsenjati.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-9 ta' Jannar 2001 u tal-ittra u interpellatorja tas-27 ta' Settembru 2000 u bl-imghaxijiet legali mid-9 ta' Jannar 2001 sad-data tal-effettiv pagament kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-nota ta' cessjoni tas-7 ta' Novembru 2001 li biha is-socjeta attrici cediet l-istess meritu tal-kawza pero zammet ferm fuq il-kap tal-ispejjez (ara fol 11 tal-atti).

Warali rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex dik konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx fis-7 ta' Novembru 2001 meta gew prezentati l-kapitoli, lanqas illum u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-meritu, tilqa t-talba tas-socjeta' attrici in rigward il-kap tal-ispejjez u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas l-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-9 ta' Jannar 2001 u ta' dik interpellatorja tas-27 ta' Settembru 2000.

Alan Calleja
Deputat Registratur